**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Ottubru 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru: 58/2022 AGV:</u>**

**<u>Fl-ismijiet;</u>**

**HA**

**VS**

**K F**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors guramentat taì HA data 11 taì Marzu 2022;**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma li taf personalment:**

1. Illi minn relazzjoni taì bejn il-kontedenti, twieled tifel wiehed bl-isem GFA fl-22 taì Marzu 2019 (kopja ta certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument A).

2. Illi r-relazzjoni taì bejn il-kontendenti, spiccat ghall-habta taì Awwissu 2018, meta l-esponeti kienet tqila bil-minuri GFA . L-istess minuri llum jghix m íommu l-esponenti fir-residenza tan-nanna materna tieghu z-Zurrieq.

3. Illi qabel twieled il-minuri il-kontedenti kienu tkellmu u ddiskutew abbozz taì kuntartt biex jigi stabbiliti termini taì kura, kustodja, access u manteniment, tal-eventwali wild. Fil-fatt il-kontedenti kienu waslu ghal abbozz finali, gie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u sahansitra nghatalhom appuntament quddiem in-Nutar Dottor Astrid Jo Bonnici Parnis.

4. Illi minkejja li kollox kien ilu maqbul zmien dakinhar tal-appuntament l-intimat irrifjuta li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv minghajr ebda raguni valida.

5. Illi l-esponenti fl-interess taì binha xorta wahda ppruvat terga tasal mal-intimat u intavolat medjazzjoni ohra bin-numru 150/2021EC fl-ismijiet premessi.

6. Illi minkejja dan u minkejja l-hafna weghdiet tieghu l-intimat baqaì qatt ma ried jintrabat b`xejn u baqa jirrifjuta li jkollu access fiss jew regolat izda jippretendi li jigbor u jirritorna lill-minuri meta jrid hu.

7. Illi ghal kull buon fini, l-esponenti tiddikjara li l-intimat qieghed prezentament ihallas manteniment provvizorju maqbul bejn il-kontendenti s-somma taì Euro 200 fix-xahar, liema manteniment huwa kien wieghed li jhallsu sa mid-data tat-twelid, izda li naqas li jhallas ghax-xhur taì bejn Dicembru 2020 u Mejju 2021.

8. Illi l-esponenti ghandha interess tirregola l-kura u l-kustodja in kwistjoni maì binha ir-retta alimentari li hija dovuta ghall-bzonnijiet tieghu oltre l-access favur l-intimat.

9. Illi minkejja t-tentattivi kbar li ghamlet l-esponenti sabiex tasal fi arrangament bonajru mal-intimat ,l-intimat baqa jinsisiti li ma jikooperax u din l-Onorabbli Qorti ordnat l-gheluq tal-medjazzjoni b`digriet taghha tas-17 taì Dicembru 2021

10. Illi l-esponenti talbet estensjoni tat-terminu moghti ghall-prezentata tal-kawza opportuna liema talba giet milqghu b`digriet ta ídin il-Qorti tal-25 ta Frar 2022.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk kollha li jirrrizultaw mehtiega fit-trattazzjoni taì din il-kawza prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

I. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri FGA , f`idejn l-esponenti wahedha , konsegwetament tawtorizza lill-esponenti sabiex tiehu hi wahedha kull decizjoni relatata mal-minuri inkluz dawk relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tieghu kemm ordinajri kif ukoll straordinajri.

II. Tiffissa granet u hinijiet li fihom l-intimat ghandu jkollu access ghall-minuri G FA bl-obbligu li jkun prezenti u jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-imsemmi minuri fil-hin tal-access li jigi hekk iffissat u bl-obbligu li jigbor l-istess minuri u jirritornah fil-post indikat mill-esponenti.

III. Tiffissa r-retta alimentari dovuta lill-esponenti mill-intimat ghall-bzonnijiet tal-minuri fl-ammont taì mitejn u hamsin ewro jew somma ohra akbar jew verjuri pagabbli kull xahar bil-quddiem u tordna l-istess intimat ihallas il-manteniment hekk iffissat u tordna wkoll li din is-somma tithallas direttamnet lill-esponenti premezz taì standing order

IV. Tordna li l-manteniment li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jizdied kull sena skond iz-zieda tal-intimat

V. Tawtorizza lill-esponenti titlob il-manteniment hekk iffissat direttament mill-employer tal-intimat ikun minn ikun fin-nuqqas taì hlas mill-intimat bla hsara ghall kull procedura ohra spettanti lill-esponenti skond il-Ligi.

VI. Tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti nofs l-ispejjez edukattivi u medici kollha tal-minuri GFA u dan mhux aktar tard minn zmien gimgha mill-prezentata tad-debita ricevuta stima jew fattura skond, il-kaz.

VII. Fin-nuqqas ta hlas tal-msemmija spejjez edukattivi jew medici da parti tal-intimat fiz-zmien lilu prefiss tordna u tiddikjara li din is-somma hekk dovuta minnu ghandha titqies bhala manteniment dovut mal-iskadenza li tkun tmiss ghall-finijiet u l-effetti kolha tal-ligi

VIII. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti s-somma taì elf u mitejn ewro (1200), rapprezentati manteniment imwieghed u dovut lill-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri u dan ghax-xhur taì Dicembru 2020 sa Mejju 2021.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat, ingunt minn issa ghas-subizzjoni.**

**Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ma ppresentax risposta, u ghalhekk gie dikjarat kontumaci.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-affidavit tal-attrici.

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru 150/21, annessi maì din il-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, li minnha twieled tifel, G FA , fit-22 taì Marzu 2019. L-attrici qed titlob li l-kura w kustodja tal-minuri tigi regolata mill-Qorti peress illi l-konvenut kien assenti fil-hajja tal-minuri.

Stante li l-konvenut huwa kontumaci fìdawn il-proceduri, il-Qorti ghandha biss il-verzjoni taì fatti kif esposti mill-attrici. Ghalhekk din il-verzjoni taì fatti ser tigi ikkunsidrata bhala ipprovata.

Permezz taì dawn il-proceduri, l-attrici qed titlob is-segwenti:

- Il-Kura w kustodja tal-minuri
- Access versu l-minuri ghall-konvenut
- Manteniment ghall-minuri
- Li l-manteniment jizdied skond l-gholi tal-hajja
- Li l-hlas tieghu jsir direttament mill-employer tal-konvenut
- Il-hlas taì nofs l-ispejjez taì sahha w edukazzjoni
- Arretrati taì manteniment

Ghalhekk il-Qorti sejra tittratta dawn it-talbiet biex tasal ghall-konkluzjoni taghha fuq il-mertu.

**Kura w kustodja**

Hemm ftit xìwiehed jaghrbel dwar din it-talba. L-assenza tal-missier fìdin il-kawza u fil-medjazzjoni hija, sfortunatament, indikattiva ferm. Il-Qorti

mìghandha ebda dubju li l-attrici ghandha tigi fdata bil-kura w kustodja tal-minuri. Il-konvenut wera nuqqas taì affidabilitaì fìdan ir-rigward, u ghalhekk il-Qorti ghandha tevita aktar diffikultaì lill-attrici billi tafdalha l-kura w kustodja tal-minuri wehidha. Bìhekk tkun tistaì tiehu d-decizjonijiet kollha hi fl-interess tat-tifel, minghajr ma toqghod tistenna l-karitaì tal-konvenut.

**<u>Manteniment</u>**

Dwar hlas taì manteniment, l-attrici esebiet prospett taì spejjez illi tinkorri fit-trobbija tal-minuri. Il-partijiet kienu qablu bejniethom li l-konvenut kellu jivversa s-somma taì Å250 fix-xahar bhala manteniment, oltre nofs l-ispejjez taì sahha w edukazzjoni. Il-Qorti ghandha diffikulta wahda, peroì, illi l-attrici ser issibha difficli ferm tirkupra dawn l-ispejjez mill-konvenut minhabba r-reticenza tieghu li jippartecipa fil-hajja tal-minuri. Ghalhekk, il-Qorti hija aktar propensa li tinkludi nofs l-ispejjez taì sahha w edukazzjoni fil-hlas tal-manteniment, milli thalli lill-attrici toqghod tigri wara l-konvenut bir-ricevuti fìidejha, bl-isperanza li tirkupra xi haga minn dawn l-ispejjez.

Tenut kont, ghalhekk, taì dan kollu, il-Qorti qed tiffissa l-manteniment pagabbli ghall-bzonnijiet tal-minuri fis-somma taì **<u>Å300</u>** fix-xahar, li tinkludi nofs l-ispejjez taì sahha w edukazzjoni.

Dan il-manteniment ghandu joghla ghal **<u>Å350</u>** fix-xahar meta l-minuri jaghlaq 10 snin, u jergaì joghla ghal **<u>Å400</u>** fix-xahar meta l-minuri jaghlaq 15-il sena, u jibqaì hekk jithallas sa ma t-tifel jaghlaq 18-il sena, jekk jkun

fìimpieg ífull timeì, jew jibqaì jithallas sa ma t-tifel jkollu 23 sena, jekk fil-frattemp ma jkollux impieg ífull timeì.

Kwantu ghal arretrati taì manteniment, l-attrici resqet talba specifika ghal perjodu definit, u cioeì sitt (6) xhur bejn Dicembru 2020 u Mejju 2021, fejn il-partijiet kienu qablu li l-manteniment li ghandu jhallas il-konvenut kien taì Å200 fix-xahar. Ma jidhirx li dan gie kontestat, ghalhekk il-Qorti sejra tipprovdi ghal dawn l-arretrati fis-sentenza taghha.

Mill-affidavit tal-attrici, jidher li l-konvenut kompla jhallas il-manteniment wara din id-data, izda ma kompliex, u ghandu diversi xhur ohra dovuti wkoll. Madankollu, peress illi l-Qorti mìghandhiex talba ghal dawn l-arretrati, ma tistax tipprovdi ghalihom fìdin is-sentenza.

**Access**

Kwantu ghall-access tal-konvenut versu l-minuri, il-Qorti tenfasizza l-bzonn li z-zewg genituri jippartecipaw bis-shih fil-hajja taì uliedhom. Huwa imortanti ghall-izvilupp taì G, li l-konvenut jqattaì hin adegwat mieghu, u japprezza d-diffikultajiet li jirrikorru fit-trobbija tal-ulied. Ahna l-adulti ghandna hafna xìnitghallmu mit-tfal. Nitghallmu  min huma t-tfal taghna ó peress illi dawn huma individwi differenti minna ó u nitghallmu fuqna nfusna, kif ukoll nitghallmu kif ghandna nimxu man-nies. Spiss wiehed jinsa dan kollu u jara t-trobbija tal-ulied bhala xi haga zejda. Hemm bzonn, ghalhekk, li l-access tal-konvenut versu l-minuri jirrefletti r-realtaì taì din il-familja. Il-minuri ghandu certu bzonnijiet li jinbidlu minn zmien ghal zmien. Huwa tajjeb li anke l-missier jkun jistaì jinvolvi ruhu fl-

attivitajiet taì ibnu, anke fìdak li huwa trattament u kura. Peress illi dawn l-appuntamenti mhumiex fissi izda minn sena ghal ohra jinbidlu skond il-htigijiet, hemm bzonn taì flessibilitaì ó kif ukoll impenn ó da parti tal-konvenut. Ghalhekk l-access ghandu jkun taì darbtejn fil-gimgha ghal erbaì sieghat kull darba, u fi tmiem il-gimgha darba s-Sibt mill-10.00am sas-6.00pm, u d-darba taì wara l-Hadd fl-istess hinijiet.

Jkun tajjeb jekk il-missier jraqqad lil ibnu mieghu kultant zmien, izda dan jiddependi mill-kundizzjoni tat-tifel, u mir-relazzjoni li tezisti bejn il-missier u t-tifel, haga li din il-Qorti hija sajma mill-informazzjoni, hlief ghall-affidavit tal-attrici. Il-Qorti ghalhekk tistaì biss tissollecita lill-partijiet jaqblu bejniethom fuq hinijiet verjuri dwar ísleepoversì mal-konvenut.

**Konkluzjoni**

Jekk il-konvenut ser juri herqa w entuzjazmu ghat-trobbija taì ibnu daqs kemm wera fìdawn il-proceduri, allura verament l-attrici ser jkollha bzonn is-sostenn kollu possibbli, peress illi l-konvenut ma ppartecipa assolutament xejn fìdin il-kawza. L-attrici kull ma tixtieq huwa li l-konvenut jkollu aktar stabbilitaì fìhajtu, biex jkun jistaì jippartecipa fit-trobbija taì ibnu, li llum ghandu l-etaì taì hames snin. Il-Qorti tawgura li l-konvenut jaghraf ir-responsabbiltaì tieghu fìdan ir-rigward, u jibda jiehu sehem attiv fil-hajja taì G.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQAì T-TALBIET ATTRICI.

Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri G FA f`idejn l-esponenti wahedha, konsegwetament tawtorizza lill-esponenti sabiex tiehu hi wahedha kull decizjoni relatata mal-minuri inkluz dawk relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tieghu kemm ordinajri kif ukoll straordinajri.

Tiffissa granet u hinijiet li fihom l-intimat ghandu jkollu access ghall-minuri GFA hekk kif deskritt fis-sentenza, bl-obbligu li jkun prezenti u jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-imsemmi minuri fil-hin tal-access li jigi hekk iffissat u bl-obbligu li jigbor l-istess minuri u jirritornah fil-post indikat mill-esponenti.

Tiffissa r-retta alimentari dovuta lill-esponenti mill-intimat ghall-bzonnijiet tal-minuri fl-ammont taì tlitt mitt Ewro (Å300) pagabbli kull xahar bil-quddiem u tordna l-istess intimat ihallas il-manteniment hekk iffissat u tordna wkoll li din is-somma tithallas direttamnet lill-esponenti premezz taì standing order.

Tordna li l-manteniment li gie iffissat minn din il-Qorti jizdied bil-modalitaì kif ipprovdut fis-sentenza.

Tawtorizza lill-esponenti titlob il-manteniment hekk iffissat direttament mill-employer tal-intimat ikun minn ikun fin-nuqqas taì hlas mill-intimat bla hsara ghall kull procedura ohra spettanti lill-esponenti skond il-Ligi.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt (6) u tas-sebaì (7) talba, stante li dawn gew inkorporati fil-hlas tal-manteniment.

Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti s-somma taì elf u mitejn ewro (1200), rapprezentati manteniment imwieghed u dovut lill-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri u dan ghax-xhur taì Dicembru 2020 sa Mejju 2021.

**L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci ó DEP REG**